# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Mejju 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 99/2024 BS**

**Mario Lupi Spencer**

**-vs-**

**Mario Grech u George Francis Vella**

***Deċiżjoni in parte***

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur[1] illi ppremetta:**

1. *Illi huwa jqabbel minghand il-Gvern ta' Malta, il-bicca art imsejjha "tal-Imgieret" fil-kuntrada "Ta' Wied il-Mielah" fil-limiti tal-Gharb, Ghawdex, tal-kejl superficjali ta' madwar erbatax il-tomna pari ghal 15736 metri kwadri u tinsab konfinanti mit-Tramuntana ma blat tal-Gvern, Nofsinhar ma beni ta' Joseph Axiaq imlaqqmi "tat-twil" u Lvant ma beni ta' Maria Galea.*

[1] Rik. Ġur. a fol 1 sa 4.

2. *Illi minn xi zmien, il-konvenuti jew min minnhom li jippossjedu raba iehor fil-vicinanzi bdew jezercitaw dritt ta' passagg minn fuq din ir-raba b'tali mod li qed jghaddu minn nofs ir-raba, jharbtu fejn hemm il-mahrut u l-mizruh u jaghmlu hafna hsara.*

3. *Illi sadanittant il-konvenuti istitwew diversi kawzi ta' spoll fil-konfront tal-esponenti minghajr qatt ma ntentaw jistabbilixxu gudizzjarjament id-dritt taghhom minn fuq, l-art posseduta mill-attur u dana stante li l-kawza ta' spoll hija ntiza biex tistabbilixxi stat ta' fatt u jigi ritornat kollox 'status quo ante' anke jekk dak l-istat inholoq b' mod illegali u in 'mala fede', imqarr jekk min ikun ikkommetta l-ispoll ikun qed ezercita dritt li fil-fatt huwa ghandu.*

4. *Illi ghalhekk jinhtieg li l-kwistjoni ta' jekk il-konvenuti ghanhom id-dritt li jezercitaw dritt ta' passagg hemm bzonn li tigi deciza darba ghal dejjem u mqarr jekk jigi deciz li l-konvenuti ghandhom id-dritt li jezercitaw id-dritt ta' passagg dan ghandu jigi esercitat min dik il-parti tal-fond li tkun tal-inqas hsara lill-esponenti u mhux kif qed jippretendu li ghandhom jigi ezercitat il-konvenuti, u cioe' proprju min-nofs tal-raba.*

5. *Illi wkoll u sussidjarjament, mhux jekk jigi stabbilit li l-konvenuti ghandhom id-dritt jghaddu minn fuq ir-raba tal-attur ghandhom jigi stabbiliti l-modalitajiet kif ghandu jigi esercitat dan il-passagg u cioe' jekk hux bir-rigel inkella bl-ingenji u f'liema xhur tas-sena ghandu jigi esercitat peress li fix-xhur tax-Xitwa r-raba tal-attur jinhadem.*

**Talab għalhekk lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandix din il-Qorti tiddeċiedi:**

1. *Illi l-bicca raba msejjha 'tal-imgieret' fil-kuntrada 'ta' Wied il-Mielah' fil-limiti tal-Gharb, Ghawdex bil-kejl superficjali ta' madwar erbatax il-tomna pari ghal 15736 metri kwadri u tmiss Tramuntana ma blat tal-Gvern, Nofsinhar ma' beni ta' Joseph Axiaq imlaqqam 'tat-twil' u Lvant ma beni ta' Marija Galea, hija libera minn kull dritt ta' passagg esercitat mill-konvenuti u ghalhekk l-istess konvenuti jigu inebiti milli jkomplu jesecitaw id-dritt ta' passagg minn fuq l-art fuq imsemmija;*

2. *Sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghal premess, jekk l-ewwel talba tigi michuda jigi stabbilit mill-liema parti tal-art ghandu jigi esercitat l-*

*imsemmi dritt ta' passagg b'tali mod li fl-esercizzju ta' tali dritt issir lanqas hsara possibbli lill-attur;*

3. *Sussidjarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghal premess jekk l-ewwel talba tal-attur tigi michuda jigu stabiliti l-modalita' tal-esercizzju ta' dan il-passagg tenut kont li fix-xhur tax-Xitwa r-raba tal-attur jinhadem regolarment.*

*Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti[2] illi eċċepew:**

1. *Illi in linea preliminari, in kwantu t-talba ewlenija tal-attur hija bazata fuq dikjarazzjoni li l-porzjon tar-rabà minnu detenut "huwa liberu minn kull dritt tà passagg ezercitat mill-konvenuti", u t-talbiet li jsegwu, din hi azzjoni li ma tikkompetix lill-attur billi ex admissis huwa merament konduttur tà dak il-porzjon tar-rabà u mhux sid ir-rabà. In-natura tat-titolu tal-attur huwa tà ostakolu insormontabbli ghalih u jikkostitwixxi r-raguni ewlenija l-ghaliex l-azzjoni minnu istitwita kontra l-konvenuti ma tistax tirnexxi. Bl-azzjoni tieghu l-atturi jridu inter alia jottjenu dikjarazzjoni gudizzjarja li r-rabà li jiddetjeni bi qbiela huwa hieles minn kull dritt tà passagg ezercitat mill-konvenuti. Ladarba l-azzjoni odjerna hija hekk ibbazata fuq pretensjoni tà servitù jew negazzjoni tà dan id-dritt, u ghalhekk ius in re aliena, din ma setghetx issir hlief mis-sid tal-fond u mhux mill-kerrej. Il-kuntratt tà kera jaghti lill-kerrej biss ius in personam kontra sid il-kera u ma jaghtih ebda drittijiet in rem li huma drittijiet erga omnes. B'hekk fil-konfront tà terzi l-kerrej m'ghandux drittijiet ghajr dawk li tikkoncedilu l-ligi bhala detentur tar-rabà u cioè dawk rizultanti mill-Artikoli 1550 jew 1551 tal-Kodici Civili jekk il-kerrej ibaghti molestja. Huwa car mit-talbiet kif inhuma mpustati li l-azzjoni ezercitata mhijiex semplicimentdik tà molestia di fatto. Ghalhekk l-azzjoni mhijiex wahda ritwalment impustata tajjeb, u l-eccipjenti ghandhom jigu lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;*
2. *Illi l-azzjoni attrici kif impustata riedet tigi diretta kontra sid l-art li jikrilu. L-eccipjenti ghalhekk m'humiex il-legittimi kontraditturi ghall-iskop tat-talbiet kif impustati, u ghaldaqstant ghandhom a bazi tà din l-eccezzjoni wkoll ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju;*

[2] Risposta ġuramentata a fol 12 u 13.

3. *Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti ghandhom dritt li jipprattikaw l-passagg mill-ghalqa detenuta mill-attur bi qbiela bl-istess mod kif ilu jigi prattikat ghal hafna snin, bazat fuq stat tà fatt imperanti bejn il-kondutturi fir-relazzjonijiet tà bejniethom quoad possessum b'titolu lokatizzju. L-ghalqa li l-eccipjenti ghandhom fil-pussess taghhom hija nterkjuza u l-access ghaliha kemm bir-rigel kif ukoll b'mezzi ohra huwa minn hemm kif ilu jsir ghal dawn l-ahhar hamsa u sittin sena kif jidher car mir-ritratti mehuda mill-ajru;*

4. *Illi l-attur bhala wiehed mill-kondutturi tà dan ir-rabà tal-gvern li dahal biss fih fi zmien recenti, m'ghandu l-ebda dritt jippretendi li ghaliex dahal hu, jikkancella jew ibiddel stat tà affarijiet li ilu jezisti ghal decennia tà snin, evidentement bil-kuntentizza tas-sid, u meta s-sid stess jixtieq illi jinzamm l-status quo billi jqisu gust kif ser jirrizulta aktar 'il quddiem u qatt ma ha xi azzjoni fil-konfront tà hadd mill-kondutturi tar-rabà biex iwaqqaf il-mod tà access tad-diversi gabilotti ghar-rabà taghhom inkluz dak ezercitat mill-eccipjenti;*

5. *Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** in-nota tal-attur tas-26 ta' Novembru, 2024[3] eżebita ai termini tal-paragrafu numru tnejn (2) tad-digriet tatl-11 ta' Novembru, 2024[4] skond liema ġie ordnat iressaq nota bl-ismijiet sħaħ tax-xhieda antiċipati minnu u b'tagħrif dwar dak li kull wieħed u waħda minnhom sejrin jintalbu jixhdu dwaru.

**Rat** li fl-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2025 il-partijiet qablu sabiex tiġi trattata l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti bil-kawża ġiet differita għall-provi u għat-trattazzjoni dwar tali eċċezzjoni.[5]

**Rat** li fl-udjenza tat-28 ta' Frar, 2025 l-attur iddikjara li ma kellu ebda provi dwar l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti stante li jirriżulta sew kemm mir-rikors promotur kif ukoll mir-risposta ġuramentata li l-partijiet kontendenti lkoll jippossjedu r-raba' tagħhom biswiet ta' xulxin b'titolu ta' qbiela. Irrefera iżda għal-sensiela ta' deċiżjonijiet tal-Qrati

[3] Nota a fol 11.
[4] Digriet a fol 6 u 7.
[5] Verbal a fol 19.

nostrani ripurtati fil-verbal tal-udjenza. Il-konvenuti ġew akkordati terminu sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub filwaqt li l-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza.[6]

**Rat** is-sensiela ta' deċiżjonijiet elenkati mill-attur fl-udjenza tat-28 ta' Frar, 2025.[7]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż il-verbali u noti.

## B. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din l-istanza, fost it-talbiet tiegħu, l-attur qiegħed primarjament jitlob dikjarazzjoni li l-konvenuti m'għandhom ebda dritt ta' passaġġ fuq art li huwa jipposjedi bi qbiela mingħand il-Gvern ta' Malta, ossia, dik magħrufa bħala "tal-Imgieret", fil-kuntrada "ta' Wied il-Mielaħ", fil-limiti tal-Għarb, Għawdex, tal-kejl superfiċjali ta' ċirka erbatax (14)-il tomna.

Il-konvenuti, fost l-eċċezzjonijiet tagħhom, issollevaw eċċezzjoni preliminari fis-sens li l-azzjoni esperita mill-attur ma tikkompetix lilu billi, *ex admissis*; l-attur huwa merament fil-pussess tal-porzjon raba' mqabbla lilu mill-Gvern ta' Malta, bin-natura tat-titolu tiegħu hija ta' ostakolu għalih stante li l-azzjoni esperita minnu tippretendi dikjarazzjoni ġudizzjarja dwar pretensjoni ta' servitu' jew negazzjoni ta' tali dritt li ma tistax tintalab għajr mis-sid.

Fl-udjenza ta' nhar l-10 ta' Jannar, 2025,[8] il-partijiet kontendenti lkoll qablu sabiex tingħata din id-deċiżjoni preliminari proprju dwar dan il-punt. Huwa għalhekk li din id-deċiżjoni in parte m'hijiex tagħti sommarju dwar, jew tagħmel kunsiderazzjonijiet dwar it-talbiet u l-eċċezzjonijiet kollha iżda biss dwar dawk relattivi għall-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti.

### Ikkunsidrat Ulterjorment:

[6] Verbal a fol 20 u 21.
[7] Ref.: verbal a fol 20 u 21.
[8] Verbal a fol 19.

Tenut kont tal-eċċezzjoni preliminari kif sollevata mill-konvenuti, il-kweżit li trid tirrispondi din il-Qorti huwa dwar jekk l-attur setgħax, fil-kwalita' tiegħu ta' pussessur b'titolu ta' qbiela mingħand il-Gvern ta' Malta – *detto* "konduttur", jesperixxi l-kawża li wasslet għal din id-deċiżjoni parzjali odjerna fejn qiegħed jitlob, *inter alia*, dikjarazzjoni li r-raba' mqabbla lilu msejħa "tal-Imgieret", fil-kuntrada "ta' Wied il-Mielaħ", fil-limiti tal-Għarb, Għawdex, tal-kejl superfiċjali ta' ċirka erbatax (14)-il tomna *hija libera minn kull dirtt ta' passaġġ eżerċitat mill-konvenuti.*[9] B'dan li talab ukoll li *l-istess konvenuti jiġu inibiti milli jkomplu jeżerċitaw id-dritt ta' passaġġ minn fuq l-art fuq imsemmija.*[10]

In sostenn tat-teżi tiegħu li t-talba minnu esperita ġiet mressqa b'mod korrett, fl-udjenza tat-28 ta' Frar, 2025 l-attur issenjali diversi deċiżjonijiet tal-Qrati nostrani għar-riferiment ta' din il-Qorti.

Da parti tagħhom, il-konvenuti nsistew li ġjaladarba l-azzjoni kif proposta mill-attur hija waħda *in rem* mhux *in personam*, id-dritt li ssir l-istess jappartjeni biss lis-sid, ossia, lill-Gvern ta' Malta, bl-attur għandu biss a dispożizzjoni tiegħu dawk id-drittijiet li jikkonċedulu l-Artikoli 1550 jew 1551 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

L-ewwel deċiżjoni ċċitata mill-attur fl-udjenza tat-28 ta' Frar, 2025[11] – dik fl-ismijiet ***Geraldu Gatt vs Giuseppe Micallef*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-22 ta' Novembru, 1954[12] – tidher tagħti raġun lit-teżi tiegħu fejn l-appell bidel il-ħsieb tal-ewwel qorti kif isegwi:

***Estratti mid-deċiżjoni tal-ewwel qorti:***

> *Illi hu magħruf illi d-dritt li l-konduttur jakkwista minħabba lokazzjoni hu personali, u mhux reali, u għalhekk il-konduttur ma' jakkwista ebda dritt fuq il-ħaġa lilu mikrija, imma jakkwista biss id-dritt li jkollu mil-lokatur it-tgawdija tal-ħaġa għaż-żmien tal-lokazzjoni, il-konduttur hu fil-pussess tal-ħaġa, imma jippossjediha f'isem il-lokatur. "Colonus et inquilinus sunt in*

[9] L-ewwel talba attriċi li tinsab fil-paġna tar-rikors ġuramentat promotur li tinsab a fol 2.
[10] *Ibid.*
[11] Ref.: verbal a fol 20 u 21.
[12] Ripurtata fil-Kollezz. Vol. XXXVIII, L-Ewwel Parti, paġna 240.

*prsedio et tamen non possident" (L. 6, para. 2, D. De Praecario); "per colonos et inquilinos aut servos nostros possidemus" (L. 25, para. 1, D. De Possess.). U għalhekk, jekk il-konduttur isofri molestji minn għand xi ħadd li jippretendi illi għandu xi dritt fuq il-ħaġa, huwa għandu jsejjaħ lil-lokatur biex ineħħilu dawk il-molestji* [...]

*Illi, skond dawn il-prinċipji, jidher illi lill-attur ma tikkompetix l-azzjoni minnu avvanzata f'din il-kawża. Huwa qiegħed jitlob illi jiġi dikjarat u deċiż illi l-konvenut ma għandux dritt illi jgħaddi minn fuq il-parti tal-għalqa li tinsab f'idejh biex imur għall-bir u kamra* [...] *din hi azzjoni reali li ma tikkompetix lill-attur, billi hu merament konduttur. Din hi wkoll azzjoni petitorja, li bħala detentur ma tikkompetix lill-attur. Huwa, bħala li jiddetjeni l-għalqa minn għand Giuseppe Balzan, għandu biss azzjoni possessorja, li hi diversa minn dik petitorja, minħabba n-nota regola "nihil commune habet proprietas cum possessione"* [...]

*Illi għalhekk lill-attur tista' tikkompeti azzjoni oħra, esperibbli kontra l-konvenut jew kontra il-lokatur tiegħu, imma mhux l-azzjoni minnu ttentata.*

***Estratti mid-deċiżjoni tal-qorti tal-appell:***

*"ex admissis", iż-żewġ kontendenti huma kondutturi ta' partijiet separati ta' għalqa waħda li tappartjeni lill-istess sid. Għalhekk ma jistax ikun hemm kwistjoni ta' servitu' vera u proprja għaliex skond id-dottrina, il-ġurisprudenza u l-liġi ma hix konċepibbli l-kreazzjoni ta' servitu' fuq il-fond proprja – nemo ipso servitutem debet (Kollezz Vol. VI, p. 173; XXIV-II-854; XXXIII-I-36). F'każijiet simili hemm biss dak li fis-sentenzi nostrali ġie li jissejjaħ "servigio", ġie li jissejjaħ "servitu personali", u ġie li jissejjaħ "obbligazzjoni personali"*[...] *żgur pero' li ma' hemmx dritt reali.*

*Ladarba ma hemmx possibilita' ġuridika ta' dritt reali, il-kwistjoni odjerna tista' tivverti biss fuq "molestia di fatto", u hu paċifiku li dwar daqshekk jista jaġixxi l-gabillot "jure proprio" kontra min ikun qiegħed jimmolestah;* [...] *kwindi l-azzjoni rittwalment tinsab impustata tajjeb.*

B'mod simili, fid-deċiżjoni wkoll mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' April, 1954 fl-ismijiet ***Giuseppe Caruana vs Carmelo Caruana et***[13] ġie ritenut:

[13] Ripurtata fil-Kollezz. Vol. XXXVIII, L-Ewwel Parti, paġna 115.

> [Il-Qorti tal-Appell] *Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti* – il-Qorti ta' Prim' Istanza – *fil-25 ta' Ottubru, 1952, li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni ta' l-inammissibilita' ta' l-azzjoni opposta mill-konvenut, u ġew milqugħa d-domandi ta' l-attur, u konsegwentement il-konvenut ġie inibit li jgħaddi minn fuq il-porzjon tar-raba'ta' l-attur, taħt il-komminazzjonijiet tal-liġi* [...]
>
> *Illi minħabba l-mod kif jinsabu konċepiti l-att taċ-ċitazzjoni u n-nota ta' l-eċċezzjonijiet, u minħabba l-eċċezzjoni formalment sollevata kif fuq mill-konvenut, hu xieraq, qabel xejn, li jiġi riżolut jekk il-pretensjoni tal-konvenut tammontax għal molestja ta' dritt jew ta' fatt; għaliex fl-ewwel każ l-azzjoni tikkompeti biss lill-lokatur tar-raba'* [...] *mentri fit-tieni każ tikkompeti lill-attur* [...]
>
> *Illi ġeneralment, hija molestja ta' fatt dik li tnaqqas jew tippriva lill-konduttur "materjalment" mit-tgawdija jew użu tal-ħaġa mikrija, mingħajr ma' tolqot il-ħaġa fiha nnifisha, tkun offiża personali lill-konduttur, li tagħmel ħsara lilu biss, u ma tinteressax ebda element tad-dritt tal-proprjeta'; u għalhekk il-konduttur għandu d-dritt li jaġixxi biex jirrimwovi din l-ispeċi ta' molestja. Mentri l-molestja ta' dritt hija dik li jkollha bħala oġġett tagħha pretensjoni fuq il-proprjeta' tal-ħaġa, jew fuq kwalunkwe' smembrament tal-proprjeta'* [...]
>
> *Illi meta jiġu applikati l-prinċipji fuq esposti għall-każ in eżami, jidher li si tratta ta' sempliċi turbativa ta' fatt; għaliex il-konvenut mhux qiegħed jikkampa ebda pretensjoni fuq il-proprjeta' jew fuq il-pussess tar-raba ta' l-attur – pretensjoni li, del resto, il-konvenut ma' jistax iġib 'il quddiem, għar-raġuni evidenti li hu sempliċi gabillot ta' raba' li jappartjeni lill-Mensa Arċiveskovali bħar-raba' detenut mill-attur. Dik il-pretensjoni tolqot biss il-mod tat-tgawdija ta' l-attur, u taffetwa lilu biss. Għalhekk si tratta ta' mera turbativa ta' fatt, u l-azzjoni tinsab sewwa esperita mill-attur.*

Din iż-żewġ deċiżjonijiet suċċitati *in extenso* jinkorporaw fihom sitwazzjonijiet prattikament identiċi għal dik odjerna fejn bejn żewġ kondutturi ta' biċċtejn raba' biswit xulxin mqabbla lilhom mill-istess sid – fil-każ ta' l-ewwel deċiżjoni ċċitata minn ċertu Giuseppe Balzan mentri fil-każ tat-tieni waħda mill-Mensa Arċiveskovali – qamet kwistjoni dwar jekk il-parti konvenuta setgħetx tgħaddi minn fuq l-art tal-parti attriċi u, ġjaladarba hekk għamlet, jekk il-parti attriċi li kellha biss titolu ta' qbiela

u allura pussess mhux ukoll titolu ta' proprjeta' setgħetx tintavola kawża bħal dik odjerna.

L-unika differenza bejn id-deċiżjonijiet suċċitati u r-realta' bejn il-partijiet *ivi* kontendenti hi li fid-deċiżjonijiet suċċitati l-partijiet kienu jipposjedu b'titolu ta' qbiela mingħand terz privat mentri f'din l-istanza l-partijiet kontendenti jippossjedu b'titolu ta' qbiela mingħand il-Gvern ta' Malta.

Il-fatt li l-partijiet *ivi* kontendenti lkoll jippossjedu b'titolu ta' qbiela mingħand il-Gvern ta' Malta jirriżulta *ex admissis* mid-dikjarazzjonijiet tagħhom: dik ta' l-attur kif kontenuta fl-ewwel premessa tar-rikors ġuramentat tiegħu u dik tal-konvenuti kif riżultanti mid-diċitura tat-tielet (3) u tar-raba' (4) eċċezzjonijiet tagħhom.[14]

Din il-Qorti tikkondividi pjenament il-ħsieb kif esperit mill-Qorti tal-Appell fiż-żewġ deċiżjonijiet *supra* ċċitati.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ li wasslu għal din id-deċiżjoni odjerna, huwa ċar li t-turbattiva in mertu tolqot biss u direttament lill-attur mentri l-kwistjoni ta' servitu vera u proprja hija eskluża mill-fatt li s-sid taż-żewġ porzjonijiet raba' posseduti mill-partijiet kontendenti fil-kwalita' tagħhom ta' kondutturi jew gabilotti huwa wieħed u l-istess.

Din l-azzjoni ġiet għalhekk korettement esperita.

Ir-rimanenti deċiżjonijiet iċċitati mill-attur fl-udjenza tat-28 ta' Frar, 2025 jsostnu l-istess ħsieb.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenuti, tordna l-prosegwiment tal-kawża fuq il-mertu.

[14] Fir-raba' (4) eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti jitkellmu dwar *"il-kuntentizza tas-sid"* li *"qatt ma' ħa xi azzjoni fil-konfront ta' ħadd mill-kondutturi tar-raba' biex iwaqqaf il-mod ta' aċċess tad-diversi gabillotti għar-raba' tagħhom inkluż dak eżerċitat mill-eċċipjenti"*. Tali dikjarazzjoni, marbuta mal-ewwel premessa tal-attur li tidentifika lis-sid bħala l-Gvern ta' Malta tikkonferma għalhekk li l-partijiet ilkoll jiddettjenu r-raba' reċiproku tagħhom bi qbiela mingħand l-istess sid: il-Gvern ta' Malta.

Bl-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni parzjali jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur